FGURA

Minuti tal-laqgħa 78 tas-sitt Kunsill Lokali Fgura li nżammet illum it-Tlieta 25 ta' Settembru 2012 fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali Fgura. Il-laqgħa bdiet fis-18:30.

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| **Sindku:** | Is-Sur Byron Camilleri |
| **Viċi Sindku:** | Is-Sur A. DeGiovanni |
| **Kunsillieri:** | Is-Sur C Bonello 18:37<br>Is-Sur S. Camilleri<br>Is-Sra R. Cutajar<br>Is-Sur P. Dalli<br>Is-Sur A. Debono<br>Is-Sur M. Lombardo<br>Chev D Marmara` KLJ 18:34 |
| **Segretarju:** | Is-Sur C. Cutajar |

Is-Sindku qal it-talba fil-bidu tal-laqgħa.

## 1.0 Minuti

1.01 Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 3402/12/6 "Sabiex jiġu approvati Minuti ta' 28 t'Awwissu, 2012". Din kienet sekondata mis-Sur P Dalli. Ittieħed vot.

Favur – Sindku, Viċi Sindku, Sur S Camilleri, Sra R Cutajar, Sur P Dalli.
Kontra – Sur M Lombardo.
Astenzjonijiet – Sur A Debono.

Is-Sindku talab li jitniżżlu l-ismijiet.

Il-mozzjoni ref: 3402/12/6 kienet approvata b'ħames voti favur, vot kontra u astenzjoni waħda.

1.02 Is-Sur M Lombardo qara dikjarazzjoni (Ara 'DOK A' fl-hemża).

Mayor, ViceMayor, Councillors & Sect

1.02.1 Waqt li s-Sur M Lombardo għamel referenza għal 'Dok 7' li jifforma parti minn 'DOK A', il-Viċi Sindku għamel *point of order* li fiha talab lis-Sur M Lombardo jaqra 'Dok 7' mill-bidu sal-aħħar.

18:39 Chev. D Marmara` KLJ ħareġ mill-kamra.

1.02.2 Is-Sur M Lombardo qara 'Dok 7' kollu.

18:41 Chev. D Marmara` KLJ daħal lura fil-kamra.

1.02.3 Wara li nqrat id-dikjarazzjoni mis-Sur M Lombardo is-Segretarju qal li għall-fini ta' korrettezza jkun xieraq li jingħad li fir-rigward tal-ħitan li ntużaw biex fuqhom jitpittru l-murali nġieb l-permess verbali minn għand sid il-propjeta'.

**2.0 Korrispondenza**

2.01 Ma tressqet l-ebda korrispondenza.

18:58 Chev. D Marmara` KLJ ħareġ mill-kamra u ma rritornax.

**3.0 Purchase Request Forms**

3.01 Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 3403/12/6 "Sabiex jiġu approvati PRFPO for CM 25/9/12" (ara 'DOK B'). Din kienet sekondata mis-Sur P Dalli. Ittieħed vot.

Favur – Sindku, Viċi Sindku, Sur S Camilleri, Sra R Cutajar, Sur P Dalli.
Kontra – Ħadd.
Astenzjonijiet – Sur C Bonello, Sur A Debono, Sur M Lombardo.

Is-Sindku talab li jitniżżlu l-ismijiet.

Il-mozzjoni ref: 3403/12/6 kienet approvata b'ħames voti favur, l-ebda vot kontra u tliet astenzjonijiet.

**4.0 Ħlasijiet**

4.01 Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 3404/12/6 "Sabiex jiġu approvati ħlasijiet 29/8/12 sa 17/9/12" (ara 'DOK Ċ'). Din kienet sekondata mis-Sur P Dalli. Ittieħed vot.

Favur – Sindku, Viċi Sindku, Sur S Camilleri, Sra R Cutajar, Sur P Dalli.

Kontra – Ħadd.
Astenzjonijiet – Sur C Bonello, Sur A Debono, Sur M Lombardo.

Is-Sindku talab li jitniżżlu l-ismijiet.

Il-mozzjoni ref: 3404/12/6 kienet approvata b'ħames voti favur, l-ebda vot kontra u tliet astenzjonijiet.

4.02 Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 3405/12/6 "Sabiex jiġu approvati ħlasijiet 17/9/12 sa 25/9/12" (ara 'DOK D'). Din kienet sekondata mis-Sur P Dalli. Ittieħed vot.

Favur – Sindku, Viċi Sindku, Sur S Camilleri, Sra R Cutajar, Sur P Dalli.
Kontra – Ħadd.
Astenzjonijiet – Sur C Bonello, Sur A Debono, Sur M Lombardo.

Is-Sindku talab li jitniżżlu l-ismijiet.

Il-mozzjoni ref: 3405/12/6 kienet approvata b'ħames voti favur, l-ebda vot kontra u tliet astenzjonijiet.

4.03 Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 3406/12/6 "Sabiex titħallas € 136.00 skont kif anness, sabiex tkopri ħsara li saret waqt the Fgura Arts and Food fighting festival, skont kif anness". Din kienet sekondata mis-Sur P Dalli. Ittieħed vot.

Favur – Sindku, Viċi Sindku, Sur S Camilleri, Sra R Cutajar, Sur P Dalli.
Kontra – Ħadd.
Astenzjonijiet – Sur C Bonello, Sur A Debono, Sur M Lombardo.

Is-Sindku talab li jitniżżlu l-ismijiet.

Il-mozzjoni ref: 3406/12/6 kienet approvata b'ħames voti favur, l-ebda vot kontra u tliet astenzjonijiet.

4.04 Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 3407/12/6 "Sabiex fir-rigward tas-*certification* tal-Perit anness, jitħallas biss 70%, sabiex isiru l-core tests". Din kienet sekondata mis-Sur P Dalli. Ittieħed vot.

Il-mozzjoni ref: 3407/12/6 kienet approvata unanimament.

## 5.0 Memos

5.01 Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 3408/12/6 "Sabiex il-Kunsill japplika għal memo 35/2012". Din kienet sekondata mis-Sur P Dalli. Ittieħed vot.

Il-mozzjoni ref: 3408/12/6 kienet approvata unanimament.

## 6.0 Tenders

6.01 Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 3409/12/6 "Sabiex fir-rigward ta' Tender CM-17-12 il-Kunsill jagħżel lil Annalise Farrugia skont ir-rapport anness". Din kienet sekondata mis-Sur P Dalli. Ittieħed vot.

Favur – Sindku, Viċi Sindku, Sur C Bonello, Sur S Camilleri, Sra R Cutajar, Sur P Dalli, Sur M Lombardo.
Kontra – Ħadd.
Astenzjonijiet – Sur A Debono.

Is-Sindku talab li jitniżżlu l-ismijiet.

Il-mozzjoni ref: 3409/12/6 kienet approvata b'seba' voti favur, l-ebda vot kontra u astenzjoni waħda.

## 7.0 Proġetti, Toroq u Xogħolijiet Infrastrutturali

7.01 Is-Sindku ressaq korrispondenza għall-attenzjoni tal-Kunsillieri li tirrigwardja biċċa art li tinsab fi Triq Hompesch kantuniera ma' Triq Bormla.

7.01.1 Is-Sur C Bonello għamel *point of order* u staqsa x'inhu jitlob eżatt dan l-individwu.

7.01.2 Is-Sindku qal li qed tintalab *rescheduling*.

7.01.3 Is-Sur C Bonello qal li materja bħal din għandha tkun imressqa bħala punt separat fuq l-aġenda. Huwa semma' li dokumenti li jaslu għand il-Kunsill bejn id-data li tintbagħat l-aġenda u d-data tal-laqgħa li tkun tmiss, għandhom jintbagħtu lill-Kunsillieri permezz ta' korrispondenza separata.

7.01.4 Is-Sindku qabel li din il-materja titqajjem fil-laqgħa li jmiss.

## 8.0 Komunikazzjoni mis-Sindku

8.01 Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 3410/12/6 "Sabiex is-Segretarju Eżekuttiv jintbagħat jagħmel kors tal-'Income Tax

Foundation' skont kif anness". Din kienet sekondata mis-Sur P Dalli. Ittieħed vot.

Il-mozzjoni ref: 3410/12/6 kienet approvata unanimament.

8.02 Is-Sindku semma' li dwar il-każ li fih kien għereq *basement* bil-garaxxijiet fi Triq Lorry Sant kantuniera ma' Triq Cospicua, il-Kunsill ġie msejjaħ f'kawża l-qorti (Ara 'DOK E' anness).

8.03 Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 3411/12/6 "Sabiex fir-rigward tar-*request* anness il-Kunsill jaċċetta r-request ta' Vjal il-Kottoner". Din kienet sekondata mis-Sur P Dalli. Ittieħed vot.

Il-mozzjoni ref: 3411/12/6 kienet approvata unanimament.

8.04 Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 3412/12/6 "Sabiex il-Kunsill jixtri tlett bins biex jitwaħħlu ma' dawra tal-*Club* tal-boċċi skont il-pjanta annessa". Din kienet sekondata mis-Sur P Dalli. Ittieħed vot.

Il-mozzjoni ref: 3412/12/6 kienet approvata unanimament.

8.05 Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 3413/12/6 "Sabiex issir ħarġa skont kif anness". Din kienet sekondata mis-Sra R Cutajar. Ittieħed vot.

Il-mozzjoni ref: 3413/12/6 kienet approvata unanimament.

## 9.0 Rapporti Kumitati / Sotto Kumitati

9.01 Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 3414/12/6 "Sabiex jiġi approvat ir-rapport anness". Din kienet sekondata mis-Sur P Dalli. Ittieħed vot.

Il-mozzjoni ref: 3414/12/6 kienet approvata unanimament.

## 10.0 Rapporti ta' Ħidma mill-Kunsillieri

10.01 Is-Sur P Dalli semma' li saret laqgħa mal-kuntrattur li jieħu ħsieb il-knis sabiex itejjeb is-servizz tiegħu. Semma' li jidher li ġja' qed ikun hemm titjib fis-servizz.

10.01.1 Is-Sur P Dalli talab li malli jsir il-proċess meħtieġ biex jinħatar *Contract Manager* ġdid, tissejjaħ laqgħa mal-persuna inkarigata minn dan il-kuntratt.

10.02 Is-Sur S Camilleri semma' kif fir-rigward tal-proġett tal-Uffiċċji Amministrattivi l-ġodda, sar il-*water proofing* meħtieġ għall-ingalli u l-ħsara li saret lil terzi fuq in-naħa ta' barra ġiet imsewwija kollha. Qal li l-kostruzzjoni tal-*basement* hija lesta.

10.03 Is-Sur S Camilleri qal li ħafna mix-xogħol ta' traqqiegħ li kien meħtieġ fit-toroq tlesta.

## 11.0 Attivitajiet

11.01 Is-Sur P Dalli qal li avviċinatu persuna li hija nteressata torganizza attivita' bil-*mini motos* ġewwa l-Fgura. Talab lis-Segretarju sabiex issir laqgħa ma' din il-persuna.

11.02 Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 3415/12/6 "Sabiex issir attivita' bil-kollaborazzjoni tas-Sede, skont kif anness. Budget 500 ewro". Din kienet sekondata mis-Sur P Dalli. Ittieħed vot.

Il-mozzjoni ref: 3415/12/6 kienet approvata unanimament.

11.03 Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 3416/12/6 "Sabiex issir attivita' għall-ftuħ uffiċjali tal-bandli l-ġodda. Din għandha tkun attivita' għat-tfal tal-iskola Primarja fejn it-tfal magħżula mill-iskola imorru jgawdu l-bandli l-ġodda għal xi ħin. Isir it-tberik mill-Kappillan jew Patri ieħor mill-Parroċċa tal-Fgura. Press conference tal-inawgurazzjoni. Kelliema: Sindku u Uffiċjal tal-Mepa. Data għandha tkun maqbula bejn il-Kunsill, il-Mepa u l-Iskola Primarja tal-Fgura. Il-membri tal-Kunsill jiġu nfurmati bid-data maqbula mis-Segretarju Eżekuttiv. Budget 500 ewro.". Din kienet sekondata mis-Sur P Dalli. Ittieħed vot.

Il-mozzjoni ref: 3416/12/6 kienet approvata unanimament.

## 12.0 Vaċċin tal-Influwenza

12.01 Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 3417/12/6 "Sabiex jitqabbdu żewġ nurses sabiex jagħtu l-vaċċin tal-influwenza". Din kienet sekondata mis-Sur P Dalli. Ittieħed vot.

Il-mozzjoni ref: 3417/12/6 kienet approvata unanimament.

## 13.0 Proġett Me2

13.01 Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 3418/12/6 "Sabiex il-Kunsill Lokali tal-Fgura japplika għall-Proġett Me2, skont kif anness, bil-għan li jgħin persuni b'diżabilita' jintegraw aktar

fil-komunita'". Din kienet sekondata mis-Sur P Dalli. Ittieħed vot.

Il-mozzjoni ref: 3418/12/6 kienet approvata unanimament.

## 14.0 Mozzjonijiet

14.01 Ma tressqet l-ebda mozzjoni.

## 15.0 Mistoqsijiet

15.01 Ma kien hemm l-ebda mistoqsija.

## 16.0 Aġġornament

16.01 Il-laqgħa ġiet aġġornata għal nhar il-Ħamis 25 t'Ottubru, 2012, fis-18:30.

Il-laqgħa ntemmet fit-19:47.

Sindku

Segretarju